# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 223/2019

Seduta tas-27 ta' Novembru 2020

**Il-Pulizija**

**Vs**

**-Omissis 1-**

**-Omissis 2-**

**Clyde Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Clyde Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 439899(M) akkuzat talli f'diversi okkazzjonijiet matul ix-xahar ta' Ottubru 2015, kif ukoll fi granet u/jew xhur ta' qabel, gewwa t-tunnel tal-interconnector li huwa accessibbli mill-Imsida, mill-Maghtab u minn St. Andrews, u f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' cables tal-elettriku ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u tal-kumpanija Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, u bil-hin – Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2);
2. Volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew ikkagunaw, it-telf tal-kurrent elettriku: (Artikolu 326© tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe';

3. Talli f'xi hin bejn it-tlieta u ghoxrin u d-disgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax, minn gewwa l-fabbrika bl-isem ta' Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommetta serq ta' cables u oggetti ohra ghad-dannu ta' Edmund Azzopardi, u/jew persuni ohra jew intraprizi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien izjed minn dak ta' elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu: Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara kienet izjed minn elfejn u hames mitt ewro ghad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intraprizi ohra: Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli f'xi hin bejn il-wiehed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax u t-tlieta ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax, minn gewwa fabbrika bl-isem ta' Tender Fresh Food Processing, li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommetta serq ta' cables, pajpijiet tar-ramm u oggetti ohra ghad-dannu ta' Edmund Azzopardi, u/jew persuni ohra jew intraprizi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li mhux izjed minn dak ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli f'xi hin bejn il-hamsa u ghoxrin ta' Novembru u t-tnejn ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax minn gewwa fabbrika bl-isem ta' Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom bibien tal-aluminju, mizien, pjatta forma tal-istainless steel, u wires tar-ramm ghad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intraprizi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma kienx izjed minn dak ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u s-sebgha u tletin centezmu. Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Talli nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar minn gewwa fabbrika bl-isem ta' Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi accedew fl-imsemmi lok, izda d-delitt ma kienx lahaq gie esegwit minhabba li kien gie arrestat mill-pulizija u li kieku kien esegwit, is-serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ghad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuna/i jew intraprizi ohra, Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 (u fil-kaz ta' Clyde Mallia bl-Artikolu 289) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Generali, u senjatament l-artikoli:

1. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 326(c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 532A, u 533 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' Clyde Mallia wahdu:-**

9. **Fl-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Sabet lil Clyde Mallia hati tas-seba' mputazzjoni migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva skond l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali kif rifless fit-tmien imputazzjoni migjuba filwaqt li lliberatu mill-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement kkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat ukoll il-hlas tal-ispejjez peritali nkorsi matul dawn il-proceduri relatati mat-tentattiv ta' serq fis-seba' mputazzjoni ammontanti ghal sitt mija, wiehed u ghoxrin ewro u disgha u sebgha u erbghin centezmu, liema somma ghandha titqassam bejn l-imputati.

Rat ir-rikors tal-appellant Clyde Mallia, ppreżentat fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil

Qorti tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet enumerati wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta migjuba fil-konfront tieghu. Thassarha, tirrevokaha, tikkancellaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet enumerati sebgha (7) u tar-recidiva kif migjub fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentment tilliberah minnhom; sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant Mario Mallia.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija limitata ghal-pregudizzjali sollevata mill-appellant marbuta man-nullita' tas-sentenza appellata. L-appellant jishaq illi l-Ewwel Qorti ma osservatx id-dettami imfassla mil-legislatur fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali billi l-parti decizorja hija karenti mill-artikolu tal-ligi li jikkontempla it-tentattiv tar-reat li dwaru huwa gie misjub hati.

Illi fid-*decide* wara li l-Ewwel Qorti ccitat l-artikoli tal-ligi kollha indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, ghaddiet sabiex sabet htija fl-appellant ghas-seba' imputazzjoni kif ukoll ta'l-addebitu tar-recediva migjuba fil-konfront tieghu fl-akkuza.

Issa s-seba' imputazzjoni addebitata lill-appellant fic-citazzjoni taqra hekk:

> ***Talli nhar it-23 ta' Diċembru 2015 għall-ħabta tal-16:30hrs minn ġewwa fabbrika bl-isem Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa; bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt billli aċċedew fl-imsemmi lok, iżda d-delitt ma kienx laħaq ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u dan minħabba li kienu ġew arrestati mill-pulizija u li kieku kien esegwit, is-serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.32) għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuna/i jew intrapriżi oħra (Artikoli 261(b)(c)(f), 263 (a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta)***

Illi mill-qari ta' din l-imputazzjoni jidher illi l-appellant flimkien mal-ko-akkuzati l-ohra kienu qed jigu mixlija bit-tentattiv ta' serq aggravat, u mhux bir-reat ikkunsmat. Illi madanakollu, l-Avukat Generali, imbaghad, fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju maghmula fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali jonqos milli jindika l-artikolu tal-ligi li jikkontempla it-tenattiv tar-reat u cioe' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Dan in-nuqqas imbaghad gie rifless ukoll fis-sentenza appellata, biex b'hekk l-appellant fl-ewwel aggravju minnu ntentat qieghed jissolleva il-pregudizzjali tan-nullita' tas-sentenza minhabba f'din il-karenza fil-parti decizorja.

Illi l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddisponi illi:

> "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>."

Issa ghalkemm l-artikolu 41 ma jigiex iccitat mill-Avukat Generali meta huwa baghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, dan ma kienx jipprekludi lill-Ewwel Qorti milli issib htija ghat-tentattiv ta' reat u mhux dak ikkunsmat, bl-unika haga li biha tkun vinkolata dik il-Qorti hija illi m'ghandhiex aktar tikkunsidra li mill-fatti tista' tislet xi reat iehor mhux indikat mill-Avukat Generali li hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Magistrati izda tibqa' libera ghal kull haga ohra.

Gara izda illi lanqas fil-parti decizorja l-Ewwel Qorti ma indikat din id-disposizzjoni tal-ligi, ghalkemm kien evidenti li kienet qed tinstab htija ghar-reat fil-forma tat-tentattiv u mhux f'dik tal-konsumazzjoni tieghu, u allura l-appellant qed issostni li dan iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dan l-argument difensjonali. Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jimponi fuq il-qorti l-obbligu li tindika dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat, u mhux dawk marbuta mal-piena, jew inkella ma' xi attenwanti jew skuzanti, jew mal-komplicita' fil-kummissjoni tad-delitt. Illi meta l-Ewwel Qorti sabet htija ghas-seba' imputazzjoni kif imfassla fic-citazzjoni, dan kien ifisser illi kienet qed tinstab htija ghar-reat b'dawk il-fatti hemmhekk indikati u cioe' ghat-tentattiv u mhux ghar-reat ikkunsmat. Illi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla it-tentattiv jirreferi ghar-reat ewlieni u cioe' f'dan il-kaz dak tas-serq. In-nuqqas tal-Ewwel Qorti kien "*lapsus*" illi seta' jigi evitat u l-Qorti messha qaghdet aktar attenta li tikkwota ukoll l-artikolu tal-ligi li jikkontempla t-tentattiv ta'l-istess, u mhux ticcita *verbatim* dawk l-artikoli tal-ligi kollha indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju meta lanqas biss instabet htija ghal maggior parti tal-imputazzjonijiet. Però b'daqshekk ma jfissirx illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tigi dikjarata nulla meta wara kollox, l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat tas-serq fil-forma aggravata tieghu huwa l-artikolu 261 *et. sequitur* tal-Kodici Kriminali u mhux l-artikolu 41, liema disposizzjonijiet gew iccitati mill-Ewwel Qorti. Kwindi ghall-fini ta' l-artikolu 382 l-Ewwel Qorti mxiet skont id-dettami tal-istess artikolu meta ikkwotat l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat, iktar u iktar meta bid-dikjarazzjoni maghmula fid-*decide* illi l-appellant kien qed jigi misjub hati tas-seba' imputazzjoni dan kien ifisser illi huwa kien qed jigi misjub hati tar-reat tas-serq fil-forma tat-tentattiv biex b'hekk ghandu jkun car dwar xhiex kienet qed tinsab htija. Fuq kollox:

> **"Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u**

**ghandha tigi salvata s-sentenza[1].”**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x’kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita’ u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab htija. Illi dawn ir-rekwizti kollha gew osservati sabiex il-Qorti ma tista’ tirravviza ebda nullita’ kif jikkontendi l-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant u tordna il-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza 16/01/1986; ara ukoll Il-Pulizija vs Michael Zarb App.Inf. deciza 08/05/2014